MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 280/2009

**A B**

**-vs-**

**Dr. Anthony Cutajar u l-P.L. Doreen E b'digriet tat-23 ta' Ottubru 2009 gew mahtura bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-interessi tal-minuri C li twieldet fit-2 ta' Lulju 2002;**
**D E; u**
**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B, li permezz tieghu, wara li ppremetta:

Illi minn relazzjoni extra-matrimonjali bejn l-esponenti u l-intimata D E, twieldet il-minuri C fit-2 ta' Lulju 2002 [Dok. A].

Illi l-esponenti huwa l-missier naturali tal-minuri C, ghalkemm fic-certifikat tat-twelid taghha hemm imnizzel "*missier mhux maghruf*".

Illi l-esponenti, permezz ta' ittra ufficjali, formalment gharraf lill-intimata D E li ser jirrikonoxxi lill-minuri C, u interpella lill-istess D E sabiex tipprezenta nota li m'ghandhiex oggezzjoni ghar-registrazzjoni ai termini tal-Artikolu 86 tal-Kodici Civili [Kap. 16] tal-Ligijiet ta' Malta [Dok. B].

Illi pero', l-intimata D E baqghet inadempjenti.

Ghaldaqstant, l-attur jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tiddikjara li l-minuri C li twieldet fit-2 ta' Lulju 2002, hija l-wild naturali tal-esponenti.

Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet necessarji fic-certifikat tat-twelid tal-minuri msemmija billi jinkludi l-konnotati tal-esponenti bhala l-missier naturali tat-tarbija C.

BL-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa stess ingunti in subizzjoni.

Rat id-digriet tat-23 ta' Ottubru 2009, li permezz tieghu gew mahtura Dr. Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Doreen E bhala kuraturi ghall-minuri.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, li permezz taghha eccepixxa:

Illi preliminarjament, l-esponent m'huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors promotur u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi probatorji, ghalkemm, f'dan l-ambitu, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernanti sabiex

jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, b’referenza ghat-tieni talba tar-rikorrenti, l-esponenti jinvita lill-istess rikorrenti sabiex permezz ta’ nota guramentata jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, ossia l-isem u l-kunjom, id-dokument tal-identita’, l-eta’ tieghu meta twieldet it-tifla, il-post tat-twelid tieghu, il-post ta’ residenza tieghu meta twieldet it-tifla, isem u kunjom ta’ missieru u jekk l-imsemmi missier kienx ghadu haj jew mejjet meta twieldet it-tifla C. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid numru progressiv 2335 tas-sena 2002;

Illi bla hsara ghas-suriferit, il-partijiet kontendenti jridu ukoll jiddeciedu liema kunjom ha tassumi l-imsemmija minuri C fl-eventwalita’ li tintlaqa’ l-ewwel talba tar-rikorrenti. Dan qed jigi rilevat in ottika tal-Artikolu 92 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi finalment, dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrent m’hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta’ agir tal-esponent u kwindi huwa m’ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

Rat ir-risposta guramentata tal-fuq imsemmija kuraturi deputati, li in forza taghha eccepew:

Illi f’dan l-istadju, l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirrizervaw li jipprezentaw risposta ulterjuri fi stadju iehor tal-proceduri.

Rat ir-risposta guramentata ta’ D E li wiegbet:

Illi t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta waqt il-kawza.

Illi l-minuri in kwistjoni u cioe’ C E hi bint l-intimata u missierha mhux maghruf.

Illi l-minuri C E twieldet fit-2 ta’ Lulju 2002 u ghalhekk illum ghandha seba’ snin u hames xhur.

Illi l-ittra ufficjali indikata fir-rikors guramentat ma kinitx annessa mar-rikors li rceviet l-esponenti.

Illi t-talbiet ghandhom jigu michuda.

Illi l-ispejjez ghandu jbatihom l-istess rikorrent.

Rat id-dokumenti.

Rat l-affidavit.

Rat in-nota ta’ D E, li permezz taghha ddikjarat illi missier il-minuri huwa A B.

Rat in-nota tal-istess D E, li permezz taghha talbet li kunjom il-minuri ikun E fuq ic-certifikat tat-twelid.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta’ din il-kawza, ir-rikorrenti qed jitlob li jigi rikonoxxut bhala missier il-minuri C li twieldet fit-2 ta’ Lulju 2002 u li giet registrata bhala missier mhux maghruf. Omm it-tarbija, li rrifjutat li taqbel ghal dan ir-rikonoxximent, tassew huwa missier il-minuri.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:**

Tiddikjara illi A B huwa missier il-minuri C li twieldet fit-2 ta’ Lulju 2002; tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-Att tat-Twelid Nru. 2335 tas-sena 2002 fil-kolonna bit-taghrif dwar missier it-tarbija ghandhom jitnizzlu l-konnotati ta’ A F B, Nru. tal-Karta tal-Identita’ 409875(M), iben A B (haj), imwieled il-Pieta’ u residenti l-Imsida, tal-eta’ ta’ sebgha u ghoxrin (27) sena. Kunjom il-minuri ghandu jkun ‘E’.

L-ispejjez jithallsu minn D E.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------